

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Għajnuna Legali > Poland

Għajnuna legali

 Polonja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Il-proċedimenti legali xi spejjeż jinvolvu, u normalment min irid iħallashom?

L-ispejjeż tal-proċedimenti legali huma l-ispejjeż meħtieġa biex persuna tasserixxi jew tiddefendi d-drittijiet tagħha quddiem qorti. Dawn ikopru l-ispejjeż tal-qorti u, meta l-parti targumenta l-każ tagħha personalment jew permezz ta' konsulent legali għajr avukat (*adwokat*), avukat prokuratur (*radca prawny*), jew aġent tal-proprjetà industrijali (*rzecznik patentowy*), l-ispejjeż tal-ivvjaġġar lejn il-qorti tal-parti jew tal-konsulent legali tal-parti u ammont ekwivalenti għad-dħul mitluf tal-parti b'riżultat tal-komparsa tagħhom fil-qorti, iżda mhux oġġla mill-ekwivalenti tat-tariffa ta' konsulent legali professjonali wieħed, u meta l-parti tkun meġġuna minn konsulent legali li jkun avukat, avukat prokuratur jew aġent tal-proprjetà industrijali, it-tariffa ta' dak il-konsulent legali.

L-ispejjeż tal-qorti jinkludu t-tariffi u l-ispejjeż.

Tiġi imposta tariffa fuq kull dokument ippreżentat li huwa soġġett għall-ħlas ta' tariffa. Id-dokumenti soġġetti għall-ħlas ta' tariffa u r-rati huma stabbiliti fl-Att tat-28 ta' Lulju 2005 dwar l-ispejjeż tal-qorti fi kwistjonijiet ċivili (*Ustawa z dnia 28 lipca 2005 roku o kosztach sądowych w sprawch cywilnych*). L-Att jistabbilixxi wkoll ir-regoli għall-kalkolu tal-ammont tal-ispejjeż.

B'mod partikolari, id-dokumenti li ġejjin huma soġġetti għal tariffa:

- dikjarazzjoni tal-pretensjoni/kontrotalba;
- dikjarazzjoni dwar l-estensjoni jew il-modifika ta' talba li b'riżultat tagħha jiżded il-valur li huwa s-suġġett tat-tilwima;
- appelli (*apelacja u zażalenie*);
- appell għall-oġġla istanza (*skarga kasacyjna*) u appell sabiex sentenza finali tiġi ddikjarata illeċita;
- rikors għal annullament ta' sentenza fil-kontumaċja;
- ilment kontra ordni ta' ħlas;
- intervent primarju (*interwencja główna*) u intervent sekondarju (*interwencja uboczna*);
- talba sabiex jitressqu proċedimenti mhux kontenzjużi;
- petizzjoni għal falliment;
- talba għad-dħul/għat-tħassir mir-reġistru tal-artijiet,
- talba għad-dħul fir-Reġistru tal-Qorti Nazzjonali (*Krajowy Rejestr Sądowy, KRS*) u fir-reġistru tal-irhna, u għal emenda jew tħassir ta' tali entrati;
- talba għal reviżjoni ta' sentenza;
- azzjoni għall-annullament ta' deċiżjoni arbitrali;
- ilment kontra deċiżjoni ta' skrivan ġudizzjarju;
- ilment kontra l-azzjonijiet tal-uffiċjal ġudizzjarju;
- talba għall-ħruġ tad-dokumenti li ġejjin abbażi tal-proċess tal-kawża: kopja duplikata, estratt, ċertifikat, silta, dokument ieħor jew kopja, u talba għal kopja tar-reġistru tal-art (soġġett għal tariffa tar-reġistru).

L-ispejjeż jinkludu fost affarijiet oħra:

- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar ta' parti eżentata mill-ispejjeż tal-qorti, relatati mal-komparsa tal-parti fil-qorti, jekk dik il-komparsa tkun ġiet ordnata mill-qorti;
- ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni u l-qligħ mitluf jew l-introjtu tax-xhieda b'rabta mal-komparsa tagħhom fil-qorti;
- it-tariffi u r-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn periti, minn tradutturi u gwardjani maħtura għall-parti fil-kawża;
- l-ispejjeż b'rata fissa għall-kumpilazzjoni ta' provi mill-perizja ta' bord ta' periti tal-qorti;
- it-tariffi pagabbli lil persuni jew istituzzjonijiet oħrajn u r-rimborż tal-ispejjeż tagħhom;
- l-ispejjeż tal-kumpilazzjoni ta' provi oħrajn;
- l-ispejjeż tat-trasport u l-ħarsien ta' annimali u oġġetti;
- l-ispejjeż tal-kollokament u tad-detenzjoni;
- is-somom f'daqqa pagabbli lil gwardjani maħtura mill-qorti għat-tlestija ta' s'ħarriġ ta' sfond fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-annullament ta' żwieġ, divorzju u separazzjoni legali, u għas-superviżjoni tal-kuntatti tal-ġenituri skedati mill-qorti;
- l-ispejjeż taċ-ċertifikat tat-tabib tal-qorti;
- l-ispejjeż tal-medjazzjoni wara riferiment minn qorti;
- l-ispejjeż tal-avviżi.

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, il-parti li tippreżenta lill-qorti dokument li huwa soġġett għal tariffa jew li jwassal għal nefqa hija responsabbli sabiex tħallas l-ispejjeż tal-qorti.

Xi entitajiet huma eżentati mill-ispejjeż tal-qorti skont il-liġi (ma hija meħtieġa l-ebda talba), pereżempju:

- parti li titlob li tiġi stabbilita l-paternità jew il-maternità u li tasserixxi talbiet relatati (meta azzjoni għall-istabbiliment tal-paternità tkun manifestament infondata, madankollu, fid-deċiżjoni tagħha li tagħlaq il-proċedimenti, il-qorti tista' tordna lir-rikorrent iħallas l-ispejjeż tal-qorti mhux imħallsin, wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ);
- parti li titlob manteniment u l-intimat f'kawża għal tnaqqis fil-manteniment;
- parti li titlob li l-klawżoli kuntrattwali jiġu ddikjarati inġusti;
- impjegat li jiftaħ kawża jew jitlob proċedimenti ta' ġurisdizzjoni volontarja, ħlief meta l-valur tat-talba jaqbeż il-PLN 50 000, jew persuna li tressaq appell f'każijiet ta' sigurtà soċjali;
- parti f'każ relatat mas-saħħa mentali;
- persuna inkapaċitata fi proċedimenti għar-revoka jew għall-modifika tal-istatus ta' inkapaċità tagħha.

L-ispejjeż jiġihallu b'mod provviżorju mit-Teżor tal-Istat jekk ikunu relatati ma' azzjoni meħhuda mill-qorti *ex officio* (eż. meta tilqa' provi mhux mitluba minn parti). Spejjeż oħra huma koperti b'mod provviżorju mill-parti li tkun talbet l-azzjoni li tagħti lok għalihom. Il-qorti tista' titlob lil parti tagħmel f'has bil-quddiem għall-ispejjeż, u ma tiħux l-azzjoni mitluba jekk il-ħlas bil-quddiem ma jsirx. Ir-regoli tal-qorti dwar ir-rimborż ta' kwalunkwe ammont żejjed imħallas bil-quddiem u s-saldu tal-ispejjeż imġarrba fis-sentenza finali.

Fis-sentenza finali tagħha, il-qorti tiddeċiedi wkoll min fl-aħħar mill-aħħar se jħallas l-ispejjeż tal-proċedimenti u f'liema proporzjon. Fi proċedimenti kontenzjużi, ir-regola hija li l-ispejjeż kollha jiġihallu mill-parti li titlef il-kawża (jiġifieri dawk imħallsa minn dik il-parti u dawk imħallsa mill-parti l-oħra). Jekk azzjoni tintrebaħ parzjalment, il-qorti tista' tordna li l-partijiet iġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess (tiddeċiedi li l-ebda parti ma tkun meħtieġa tħallas lura l-ispejjeż tal-parti l-oħra) jew taqsamhom *pro rata* (bil-parti inqas rebbieħa ordnata tħallas lura lill-parti l-oħra għal porzjon tal-ispejjeż ta' din tal-aħħar, kif stabbilit mill-qorti). Fi proċedimenti mhux kontenzjużi (imwettqa f'ħafna każijiet, pereżempju sabiex tittieħed deċiżjoni dwar kwistjonijiet importanti tat-tfal, l-akkwist ta' wirt, jew it-terminazzjoni ta' koproprietà), ir-regola hija li l-ispejjeż jiġu paċuti b'mod reċiproku. Madankollu, skont is-sitwazzjoni, inkluża l-imġiba tal-partijiet matul il-proċedimenti, il-qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna mod ieħor, pereżempju, li waħda mill-partijiet tħallas l-ispejjeż kollha, inklużi dawk imġarrba mill-partijiet l-oħra.

2 X'inhija eżattament l-għajjuna legali?

L-għajjuna legali hija pprovvduta biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja għal persuni li jinsabu f'ħajja jew f'ċirkostanzi finanzjarji diffiċli.

Il-leġiżlazzjoni li ġejja tirregola l-għajjuna legali:

a) f'kawżi amministrattivi: il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u l-Att dwar l-ispejjeż tal-qorti f'materji ċivili;

b) f'kawżi transfruntieri: minbarra l-liġijiet imsemmija fil-punt (a) hawn fuq, kif ukoll mill-Att dwar id-dritt għal għajjnuna legali fi proċedimenti tal-qorti ċivili mmexxija fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt għal għajjnuna legali bil-ħsieb ta' ftehim bonarju dwar it-tilwima qabel ma jinfetħu l-proċedimenti (*Ustawa o prawie pomocy w postępowaniu w sprawach cywilnych prowadzonym w państwach członkowskich Unii Europejskiej oraz o prawie pomocy w ċelu ugodowego załatwienia sporu przed wszczęciem takiego postępowania*).

Kawżi transfruntieri huma kawżi li fihom rikorrent domiċiljat jew abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) jitlob l-għajjnuna legali fi proċedimenti mmexxjin fir-Repubblika tal-Polonja jew li se jinfetħu hemmhekk jew bil-ħsieb li jinstab ftehim bonarju dwar it-tilwima f'kawża ċivili li l-qrati Pollakki għandhom il-ġurisdizzjoni fuqha. Dawn huma wkoll kawżi li fihom rikorrent li jkun domiċiljat jew abitwalment residenti fir-Repubblika tal-Polonja jitlob l-għajjnuna legali fi proċedimenti mmexxija fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li se jinfetħu hemmhekk (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) jew bil-ħsieb li jinstab ftehim bonarju dwar it-tilwima f'kawża ċivili li l-qrati ta' dak l-Istat għandhom il-ġurisdizzjoni fuqha.

L-għajjnuna legali tinkludi:

- eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti, sabiex il-parti ma jkollhiex għalfejn tħallas bil-quddiem tariffi u spejjeż mal-bidu tal-proċedimenti u filwaqt li jkunu għadhom għaddejjin, inkluża l-ispiża tal-ivvjaġġar lejn il-qorti, jekk il-qorti tordna lill-parti sabiex tidher personalment;
- il-ħatra ta' konsulent legali mill-qorti fil-proċedimenti tal-qorti, inkluż għat-tnejnija tal-att promotur (f'kawżi transfruntieri, anke għall-fini li jagħti parir legali u ftehim bonarju ekstraġudizzjarju dwar it-tilwima), sabiex il-parti tkun rappreżentata minn avukat professjonali mingħajr ħlas;
- barra minn hekk, f'kawżi transfruntieri fejn ir-rikorrent ikun ippreżenta talba għal għajjnuna legali fi proċedimenti mmexxija fi Stat Membru ieħor jew li se jinfetħu hemmhekk:

a) eżenzjoni min-nefqa li tkopri l-ispejjeż tat-traduzzjoni tat-talba għal għajjnuna legali fi Stat Membru ieħor u d-dokumenti meħtieġa b'appoġġ għat-talba;

b) il-ħatra ta' avukat jew avukat prokuratur biex jipprovdi assistenza legali lil rikorrent fir-Repubblika tal-Polonja għal proċedimenti mmexxija fi Stat Membru ieħor jew li se jinfetħu hemmhekk, sad-data li fiha t-talba għal għajjnuna legali tasal għand l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

L-għajjnuna legali tista' tkun sħiħa jew parzjali. Fil-każ tal-aħħar, din tista' tkopri biss il-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali mingħajr eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti jew il-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali b'eżenzjoni parzjali mill-ispejjeż (eż. porzjon speċifiku tagħhom jew element speċifiku ta' spejjeż).

Fil-Polonja, hemm disponibbli wkoll għajjnuna legali ad hoc bħala parti minn dak li jissejjaħ "għajjnuna legali bla ħlas" (nieodpłatna pomoc prawna). L-għajjnuna legali bla ħlas hija rregolata mill-Att tal-5 ta' Awwissu 2015 dwar l-għajjnuna legali bla ħlas, il-konsulenza ċivili bla ħlas u l-edukazzjoni legali (Ustawa z 5 sierpnia 2015 r. o nieodpłatnej pomocy prawnej, nieodpłatnym poradnictwie obywatelskim oraz edukacji prawnej). L-għajjnuna legali bla ħlas tkopri:

- parir legali mingħajr ħlas ipprovdut minn avukat jew avukat prokuratur, anke fir-rigward tal-proċedimenti tal-qorti li jkunu għaddejjin;
- it-tnejnija mingħajr ħlas ta' abbozz ta' dokument, bl-eċċezzjoni ta' dokumenti proċedurali fi proċedimenti tal-qorti li jkunu għaddejjin;
- it-tnejnija bla ħlas ta' rikors għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti u/jew għall-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali fi proċedimenti tal-qorti li jkunu għaddejjin;
- medjazzjoni bla ħlas.

3 X'inhuma r-rekwiżiti biex tingħata l-għajjnuna legali?

L-għajjnuna legali fil-proċedimenti tal-qorti hija disponibbli għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi, kif ukoll għall-unitajiet organizzattivi intitolati bil-liġi li jkunu parti f'tali proċedimenti.

Persuna fiżika tista' tiġi eżentata mill-ispejjeż tal-qorti jekk ma tkunx tista' ġġarrab dawn l-ispejjeż mingħajr tbatija għaliha stess jew għall-familja tagħha jew jekk dawn ipoġġuhom f'riskju ta' tali tbatija.

Persuna ġuridika jew unità organizzattiva, ħlief persuni ġuridiċi intitolati bil-liġi li jkunu parti fi proċedimenti tal-

qorti, tista' tiġi eżentata jekk ma jkollhiex biżżejjed mezzi biex tħallas l-ispejjeż. Il-kumpaniji kummerċjali (ħlief fejn it-Teżor tal-Istat ikun l-uniku sieħeb jew azzjonist) jenħtieġ li juru wkoll li s-soċji jew l-azzjonisti tagħhom ma jkollhomx mezzi suffiċjenti sabiex iżidu l-assi tal-kumpanija jew jagħtu self lill-kumpanija.

L-organizzazzjonijiet soċjali mhux involuti f'attivitajiet kummerċjali jistgħu japplikaw ukoll għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti fil-każijiet tagħhom stess imwettqa b'rabta mal-attivitajiet soċjali, xjentifiċi, edukattivi, kulturali, sportivi, karitatevoli jew ta' awtoassistenza fir-rigward tal-protezzjoni tal-konsumatur, il-ħarsien tal-ambjent u l-benesseri soċjali.

Ma hemm l-ebda limitu ta' introjtu fiss sabiex wieħed jirċievi għajjnuna legali. Il-qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha f'dak ir-rigward, filwaqt li tqis il-kompożizzjoni tad-dħul, l-assi u n-nefqa tal-parti, inkluż in-numru ta' persuni dipendenti li għandha. Il-qorti tista' tikkonkludi wkoll li l-parti ma għandhiex biżżejjed mezzi sabiex tkopri t-tariffi tal-konsulent legali, iżda għandha biżżejjed mezzi sabiex tkopri xi wħud mill-ispejjeż tal-qorti jew saħansitra l-ispejjeż kollha.

Barra minn hekk, fi proċedimenti domestiċi, il-qorti tista' tirrifjuta li taħtar konsulent legali, anke meta l-parti ma tistax tħallas, jekk tqis li ma hemmx bżonn tal-involvement ta' konsulent legali. Fil-prattika, dan iseħħ meta l-każ ma jkunx ikkumplikat, speċjalment jekk il-parti tkun uriet fil-proċedimenti li jkunu saru sa dak il-mument li hija tkun familjari mal-liġi u mal-proċedura.

Fi proċedimenti transfruntieri, il-qorti tista' tirrifjuta l-għajjnuna legali lil persuni residenti jew li jkunu qegħdin jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, jekk il-ħelsien imfittex jew id-difiża tad-drittijiet tkunu manifestament infondata. L-għajjnuna legali tista' tiġi miċħuda wkoll għal raġunijiet relatati mal-merti tal-kawża, jekk ir-rikorrent ikun ingħata l-għajjnuna legali qabel f'dik il-kawża għall-ftehim bonarju dwar it-tilwima qabel il-bidu tal-proċedimenti tal-qorti ċivili, iżda ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni.

Kundizzjoni formali għall-kisba tal-għajjnuna legali hija li t-talba trid tiġi ppreżentata l-qorti bil-mod stabbilit fil-punti 6 sa 8 hawn taħt.

Minkejja li ntqal fuq, persuna li ma tafx il-lingwa Pollakka, fuq talba ppreżentata l-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża (jew li għandha tisma' l-kawża jekk it-talba tiġi ppreżentata qabel il-bidu tal-proċedimenti), tista' tingħata l-assistenza ta' interpretu bla ħlas matul is-seduta. It-talba ma għandhiex għalfejn tissodisfa r-rekwiżiti formali bħal dawk għal rikorsi għall-għajjnuna legali. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Att tas-27 ta' Lulju 2001 dwar l-organizzazzjoni tal-qorti ordinarji (Ustawa z dnia 27 lipca 2001 roku prawo o ustroju sądów powszechnych). Min-naħa l-oħra, parti li titlob assistenza mingħajr ħlas għat-traduzzjoni ta' atti proċedurali u dokumenti li jkunu meħtieġa li jiġu ppreżentati l-qorti trid tkun għamlet talba sempliċi għal għajjnuna legali.

Huma eliġibbli għall-għajjnuna legali bla ħlas biss il-persuni fiżiċi, inklużi l-kummerċjanti waħdenin li ma jimpjegawx persuni oħra (persuni li jaħdmu għal rashom), jekk ma jkunux jifilħu jħallsu l-ispejjeż tal-assistenza legali bi ħlas.

Avukat jew avukat prokuratur jista' jirrifjuta li jipprovdi l-għajjnuna legali bla ħlas għal raġunijiet imperattivi, u jinforma lill-persuna eliġibbli b'ċentri oħrajn li jipprovdu għajjnuna legali bla ħlas fid-distrett (powiat).

Jekk jinstab li l-problema kkomunikata mill-persuna eliġibbli ma tistax tiġi solvuta kompletament jew parzjalment permezz tal-għoti ta' għajjnuna legali bla ħlas, b'mod partikolari li l-problema ma hijiex biss ta' natura legali, l-avukat jew l-avukat prokuratur għandu jinforma lill-persuna b'possibiltajiet oħrajn sabiex tikseb assistenza xierqa mingħand fornituri ta' servizzi ta' konsulenza mingħajr ħlas. Pereżempju, jista' jipprovdi informazzjoni dwar is-servizzi ta' entità li tagħti parir b'xejn, fil-forma ta' skeda ta' informazzjoni dwar il-pariri (karta informacyjna poradnictwa).

Barra minn hekk, meta l-għajjnuna legali mingħajr ħlas tkun biex tkopri l-medjazzjoni mingħajr ħlas, din ma tingħatax jekk il-każ ikun ġie rinviat għal medjazzjoni minn qorti jew awtorità oħra u meta jkun hemm suspett raġonevoli ta' vjolenza fir-relazzjoni tal-partijiet.

4 L-għajjnuna legali tingħata għal kull tip ta' proċediment?

Iva. L-għajjnuna legali hija disponibbli fil-kawżi ċivili kollha, inklużi kwistjonijiet tal-familja, kummerċjali, tal-impjiegi u tas-sigurtà soċjali (eż. pensjonijiet tal-irtirar u annwalitajiet).

5 Jeżistu proċeduri speċjali f'każijiet ta' bżonn?

Ma hemmx proċedura speċifika għall-emerġenzi.

6 Minn fejn nista' nikseb formola ta' applikazzjoni għal għajjnuna legali?

Ma hemm l-ebda formola ta' applikazzjoni uffiċjali għall-għajjnuna legali fi proċedimenti nazzjonali. Talba ssir sempliċiment bil-miktub jew bil-fomm għar-rekord.

F'kawżi transfruntieri, tista' tintuża l-formola uffiċjali stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/844/KE tad-9 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi formola ta' applikazzjoni għal għajjnuna legali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transfruntier billi jiġu stabbiliti regoli komuni minimi relatati ma' għajjnuna legali għal tilwimiet b'hal dawn. Il-formoli huma disponibbli fir-reġistri tal-qrati fejn il-proċedimenti huma pendenti jew għandhom jressqu. Dawn jistgħu jitniżżlu wkoll mis-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Madankollu, l-użu tal-formola ma huwiex obligatorju. Talba għandha tinkludi dikjarazzjoni li tagħti d-dettalji tal-istatus tal-familja, l-assi, l-introjt u s-sorsi tal-għajxien tal-applikant. Talba għal għajjnuna legali għall-ftehim bonarju dwar it-tilwima qabel il-bidu tal-proċedimenti tal-qorti ċivili trid tagħti wkoll rendikont dettaljat tal-fatti tal-kawża.

L-użu ta' formola huwa obligatorju biss għal kawżi transfruntieri li l-proċedimenti tagħhom qed jitmexxew fi Stat Membru ieħor u li jinvolvu ċittadin Pollakk jew persuna li għandha d-dritt ta' residenza permanenti fil-Polonja.

F'kawżi transfruntieri, it-talba tista' tiġi ppreżentata mhux bil-Pollakk biss iżda bl-Ingliż ukoll.

7 X'dokumenti jridu jiġu ppreżentati mal-formola tal-applikazzjoni għal għajjnuna legali?

Talba għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti jew għall-ħatra ta' avukat mill-qorti fi proċedimenti nazzjonali trid tinkludi dikjarazzjoni dwar l-istatus tal-familja, il-beni, l-introjt u s-sorsi tal-għajxien f'konformità mal-mudell speċifikat fir-Regolament tal-Ministru għall-Ġustizzja tat-3 ta' Ottubru 2016 dwar il-ħlas mit-Teżor tal-Istat ta' għajjnuna legali bla ħlas ipprovduta minn avukat maħtur mill-qorti (*Rozporządzenie Ministra Sprawiedliwości z dnia 3 października 2016 r. w sprawie ponoszenia przez Skarb Państwa kosztów nieopłaconej pomocy prawnej udzielonej przez adwokata z urzędu*). Il-mudelli huma disponibbli f'format elettroniku bil-Pollakk fis-siti web tal-qrati, fis-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja u f'forma stampata fir-reġistri tal-qrati. Dan huwa rekwiżit formali, u n-nuqqas ta' rettifika ta' kwalunkwe nuqqas f'dan ir-rigward fi żmien ġimgħa mit-talba tal-qorti jagħti lok għal ċaħda tat-talba. Jekk iċ-ċirkostanzi mogħtija fit-talba jqajmu tħassib, il-qorti tista' tordna investigazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi attwali tal-applikant, b'mod partikolari billi titlob lil dan tal-aħħar jipprovdidi kjarifika jew dokumenti addizzjonali.

Fi proċedimenti transfruntieri, persuna li hija residenti jew residenti permanenti fi Stat Membru ieħor tal-UE, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, hija meħtieġa tehmeż dan li ġej mat-talba:

- dokumenti li jikkonfermaw id-dettalji fit-talba;
- dokumenti ta' sostenn fir-rigward tan-nazzjonalità, tal-post ta' residenza jew tar-residenza abitwali tal-applikant u, jekk l-applikant ma jkunx ċittadin ta' Stat Membru, dokument ta' sostenn li jikkonferma li l-applikant huwa residenti fit-territorju tal-Istat Membru f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat;
- dikjarazzjoni mill-applikant dwar jekk l-applikant ikunx diġà ngħata għajjnuna legali għall-ftehim bonarju dwar it-tilwima kkonċernata u, jekk din l-għajjnuna tkun ingħatat, iżda ma tkun intlaħqet l-ebda soluzzjoni, kjarifika tar-raġunijiet għal dan.

Id-dokumenti ta' hawn fuq jenħtieġ li jiġu tradotti bil-Pollakk jew bl-Ingliż minn persuna kkwalfikata sabiex tittraduċi dokumenti uffiċjali fl-Istat Membru minn fejn toriġina t-talba.

Jekk talba fi proċedimenti transfruntieri ma jkun fiha l-ebda informazzjoni meħtieġa, jew tqajjem tħassib dwar l-akkuratezza tagħha, il-qorti titlob lill-applikant jipprovdidi kjarifika jew dokumenti addizzjonali f'limitu ta' żmien preskritt ta' mhux aktar minn xahar. B'mod partikolari, l-applikant jista' jipprovdidi kopji tal-prospetti tat-taxxa, rendikonti u estratti tal-kontijiet bankarji, tad-depożiti bankarji jew tad-depożiti tat-titoli, jew taċ-ċertifikati li jindikaw l-ammont ta' salarju, tat-tariffi u ta' remunerazzjoni jew benefiċċji oħra miksuba, tal-pensjonijiet, tal-

annwalitajiet u tal-ħlasijiet ta' manteniment. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mat-terminu, il-qorti teżamina t-talba abbażi tal-informazzjoni pprovduta.

Fil-prattika, sabiex talba fi proċedimenti nazzjonali jew transfruntiera tiġi mħaffa, din għandha tkun akkumpanjata mill-bidu nett mid-dokumenti kollha li l-applikant iqis li huma meħtieġa sabiex tiġi ppruvata s-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu, b'mod partikolari dawk imsemmija hawn fuq.

Jekk tintalab għajjnuna legali bla ħlas, it-talba trid tinkludi d-dikjarazzjoni tal-applikant dwar in-nuqqas ta' mezzi suffiċjenti sabiex jitħallsu l-ispejjeż tal-assistenza legali mħallsa. Persuna li tkun qed titlob għajjnuna legali bla ħlas fir-rigward tal-attività kummerċjali tagħha trid tippreżenta wkoll dikjarazzjoni li ma tkunx impjegat persuni oħra fl-aħħar sena. Id-dikjarazzjonijiet ta' hawn fuq iridu jiġu abbozzati skont il-mudelli predefiniti disponibbli fiċ-ċentri tal-għajjnuna legali bla ħlas. Id-dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-persuna li tipprovi l-għajjnuna legali bla ħlas.

Peress li l-għajjnuna legali bla ħlas tipikament tingħata direttament fiċ-ċentru wara li ssir it-talba, l-applikant għandu jkollu wkoll dokument tal-identità u d-dokumenti kollha meħtieġa sabiex jippreżenta l-kwistjoni legali, sabiex l-għajjnuna mogħtija tkun effettiva.

8 Fejn irrid nibgħat l-applikazzjoni tiegħi għal għajjnuna legali?

Talba għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti jew għall-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali għandha tiġi ppreżentata lill-qorti li quddiemha għandhom jitressqu jew ikunu diġà għadhom għaddejnin il-proċedimenti f'tilwima nazzjonali.

Persuna fiżika residenti jew residenti abitwali fi Stat Membru tal-UE (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) li tippreżenta talba għal għajjnuna legali fi proċedimenti transfruntieri li jkunu għaddejnin jew li għandhom jitressqu quddiem qorti Pollakka tista' titlob għajjnuna legali lill-qorti fejn il-proċedimenti dikjaratorji jkunu għadhom għaddejnin jew ikunu se jitressqu. Jekk it-talba tikkonċerna għajjnuna legali fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni jew ta' infurzar, dan irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti distrettwali kompetenti għat-territorju fejn għandha tiġi eżegwita d-deċiżjoni jew fejn se jsir l-infurzar. It-talbiet għall-għajjnuna legali jistgħu jiġu sottomessi wkoll permezz tal-Ministeru għall-Ġustizzja Pollakk jew awtorità kompetenti maħtura tal-Istat Membru fejn l-applikant ikun residenti jew resident abitwali. Il-Ministeru għall-Ġustizzja jgħaddi minnufih dawn it-talbiet lill-qorti kompetenti.

Persuna fiżika residenti jew residenti abitwali fil-Polonja li tkun qed tftitex għajjnuna legali fi proċedimenti li jkunu għaddejnin jew li għandhom jitressqu fi Stat Membru ieħor (bl-eċċezzjoni tad-Danimarka) tista' tippreżenta t-talba quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor. It-talba tista' tiġi ppreżentata wkoll permezz tal-qorti reġjonali kompetenti għall-post ta' residenza jew residenza abitwali fil-Polonja.

It-talba għal għajjnuna legali taħt l-iskema ta' għajjnuna legali bla ħlas tista' tiġi ppreżentata lil wieħed miċ-ċentri ta' għajjnuna legali bla ħlas fil-Polonja, li huma stabbiliti f'distretti u bliet bi status distrettwali. Għal mappa taċ-ċentri u d-dettalji ta' kuntatt ara: <https://darmowapomocprawna.ms.gov.pl/pl/mapa-punktow/>

9 Kif nista' nsir naf jekk jiniex intitolat għal għajjnuna legali?

Il-qorti Pollakka tinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha dwar it-talba għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti jew il-ħatra ta' konsulent legali mill-qorti. Informazzjoni dwar l-istatus tat-talba u jekk intlaqqgħetx jew le tista' tinkiseb ukoll bit-telefown jew bil-posta elettronika mir-reġistru tal-qorti.

L-applikanti għall-għajjnuna legali bla ħlas jiġu infurmati direttament dwar ikunux eliġibbli fiċ-ċentru fejn tingħata l-assistenza legali mingħajr ħlas.

10 X'għandi nagħmel jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

Ma tkun meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri jekk tingħata eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti. Madankollu, jekk ikun hemm spejjeż li trid iġġarrab l-parti eżentata biex ikollha d-drittijiet tagħha protetti (eż. spejjeż tat-traduzzjoni jew spejjeż tal-ivvjaġġar lejn il-qorti, jekk il-parti tkun għet imħarrka biex tidher personalment), il-parti jkollha titlob lill-qorti għal ħlas bil-quddiem għal dawn l-ispejjeż. Inkella, jista' jkun li l-qorti tistenna li l-parti eżentata mill-ispejjeż tal-qorti tkopri l-ispejjeż temporanjament, u mbagħad tiġi rimborżata wara. Jekk jingħata ħlas bil-

quddiem, dan irid jiġi saldat abbażi ta' fatturi fi żmien xahar minn meta jingħata l-ħlas bil-quddiem, u fi kwalunkwe każ qabel ma tinħareġ deċiżjoni dwar is-saldu finali tal-ispejjeż tal-proċedimenti.

Jekk jinħatar avukat jew avukat prokuratur, dawn għandhom jiġu kkuntattjati. Il-qorti tinnotifika lill-applikant b'kopja tad-deċiżjoni li taħtar avukat jew avukat prokuratur iżda mingħajr dettalji tal-isem sħiħ u l-indirizz għan-notifika tal-avukat jew tal-avukat prokuratur maħtur. Il-qorti tikkomunika dawk id-dettalji f'ittra sussegwenti, wara li tkun ġiet infurmata b'dan mill-kunsill kompetenti tal-avukati reġjonali jew mill-kamra reġjonali tal-avukati prokuraturi.

Persuna eżentata mill-qorti mill-ispejjeż kollha tal-qorti jew minn xi wħud minnhom qabel il-bidu tal-proċedimenti tal-qorti hija meħtieġa tehmeż kopja tad-deċiżjoni ta' eżenzjoni mar-rikors jew att promotur ieħor.

Fil-qafas tal-iskema ta' għajjnuna legali bla ħlas, persuna li tinstab li hija eliġibbli għall-għajjnuna legali tirċiviha direttament fil-forma mistennija fiċ-ċentru tal-għajjnuna legali bla ħlas.

11 Min jagħżilli l-avukat, jekk inkun intitolat għal għajjnuna legali?

Avukat jew avukat prokuratur, kif applikabbli, jinħatar mill-kunsill kompetenti tal-avukati reġjonali jew mill-kamra reġjonali tal-avukati prokuraturi, iżda jekk jissemma konsulent legali speċifiku fit-talba, dan jinħatar bħala l-konsulent legali tal-applikant sa fejn ikun possibbli u bi qbil miegħu. L-avukat jew l-avukat prokuratur jistgħu jirrifjutaw li jittrattaw il-każ għal raġunijiet imperattivi, f'liema każ il-korp awtoregulatorju jaħtar konsulent legali ieħor. Matul il-proċedimenti tista' tintalab bidla għal konsulent legali diġà maħtur, ukoll għal raġunijiet imperattivi.

Huwa possibbli li tiġi ddikjarata preferenza fit-talba fis-sens li l-konsulent legali għandu jkollu kmand tajjeb ta' ċerta lingwa barranija u jkun ġej minn fergħa speċifika tal-professjoni legali, b'mod partikolari li għandu jkun avukat jew avukat prokuratur. Fil-prattika, il-qorti tilqa' talba bħal din.

Fl-iskema ta' għajjnuna legali bla ħlas, ma huwiex possibbli li jintgħażel avukat jew avukat prokuratur. Tali għajjnuna legali tiġi pprovduta mill-avukat jew mill-avukat prokuratur dwar id-dmir fiċ-ċentru tal-għajjnuna legali tal-għażla tal-applikant jew minn apprendist legali awtorizzat minn dak l-avukat jew avukat prokuratur.

12 L-għajjnuna legali tkopri l-ispejjeż kollha tal-proċedimenti?

Parti li tkun ingħatat eżenzjoni sħiħa mill-ispejjeż tal-qorti ma tħallas l-ebda tariffa tal-qorti u ma ġġarrab l-ebda spiża. Jekk tkun eżentata parzjalment mill-ispejjeż tal-qorti, il-parti jeħtiġilha tkopri t-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti sa fejn ma jkunux koperti mill-eżenzjoni. Jekk dik il-parti tirbaħ il-kawża, il-qorti tordna lill-parti li titlef il-kawża tħallas lura dawk l-ispejjeż lill-parti rebbieħa fid-deċiżjoni li tagħlaq il-proċedimenti.

Jekk parti eżentata mill-ispejjeż tal-qorti ma jkollhiex suċċess sħiħ jew parzjali, fid-deċiżjoni tal-għeluq tagħha, il-qorti tordna lil dik il-parti tħallas lura l-ispejjeż tal-proċedimenti tal-qorti mġarrba mill-kontroparti (iżda mhux dawk imġarrba mit-Teżor tal-Istat).

13 Min għandu jħallas l-ispejjeż l-oħra jekk jien inkun intitolat biss għal għajjnuna legali limitata?

Persuna eżentata parzjalment mill-ispejjeż tal-qorti hija meħtieġa tħallas l-ispejjeż tal-qorti li jifdal.

14 L-għajjnuna legali tkopri l-appelli wkoll?

L-għajjnuna legali mogħtija mill-qorti tal-ewwel istanza tinkludi wkoll proċedimenti ta' appell u eżekuzzjoni. Parti li ma tkunx irrappreżentata minn konsulent legali (eż. avukat) fl-ewwel istanza tista' titlob dik il-forma ta' assistenza fit-tieni istanza. Meta jkun meħtieġ li jitressaq appell straordinarju, il-parti trid tippreżenta talba speċjali, li twassal għal deċiżjoni speċifika dwar dak il-pass legali biss.

15 L-għajnuna legali tista' tiġi rtirata qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti (jew saħansitra tiġi revokata wara t-terminazzjoni tal-proċedimenti)?

Il-qorti tista' tirtira l-għajnuna legali, kemm fil-forma ta' eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti kif ukoll fil-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali, jekk jinstab li r-raġunijiet li abbażi tagħhom tkun ingħatat ma kinux jeżistu jew ma baqgħux jeżistu. Fi kwalunkwe każ, il-parti tkun meħtieġa tħallas it-tariffi applikabbli kollha u tħallas lura l-ispejjeż, ħlief li fil-każ tal-aħħar, il-qorti tista' wkoll tordna lill-parti tagħmel dan biss parzjalment, skont il-bidla fis-sitwazzjoni tal-parti.

Meta tirtira eżenzjoni, il-qorti tista' tissanzjona parti eżentata mill-ispejjeż tal-qorti abbażi ta' ċirkostanzi rrappreżentati ħażin b'mod konxju, b'multa sa PLN 1 000, u l-parti li ngħatat l-assistenza ta' konsulent legali maħtur fuq il-bażi ta' ċirkostanzi bħal dawn b'multa sa PLN 3 000. Indipendentement mill-obbligu li tħallas il-multa, il-parti jeħtiġilha tħallas it-tariffi applikabbli kollha u tkopri l-ispejjeż li għalihom il-parti hija responsabbli, jew tħallas it-tariffi tal-konsulent legali maħtur mill-qorti.

Persuna li terġa' tapplika għall-eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti li konxjament irrappreżentat b'mod żbaljat iċ-ċirkostanzi tagħha fir-rigward tal-istat tal-familja, l-assi, l-introjtu u s-sorsi tal-għajxien, se jkollha r-rikors miċħud mill-qorti u se tkun meħtieġa tħallas multa sa PLN 2 000.

Jista' jitressaq appell kontra deċiżjoni ta' multa fil-konfront ta' parti, kif stabbilit fil-punt 16 hawn taħt.

16 Nista' nikkontesta r-rifjut li ningħata għajnuna legali?

Iva. Jista' jitressaq appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta eżenzjoni jew il-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali jew, jekk tkun inħarġet minn skriwan ġudizzjarju, jista' jiġi ppreżentat ilment kontra d-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar. Qabel ma deċiżjoni tiġi kkontestata, talba għal dikjarazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet trid tiġi ppreżentata fi żmien ġimgħa min-notifika tad-deċiżjoni. Wara li jirċievi d-deċiżjoni b'dikjarazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet, l-appell irid jitressaq fi żmien ġimgħa, indirizzat lill-qorti li tkun ħarġet id-deċiżjoni. Ma tintalab l-ebda tariffa fuq talba għal dikjarazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet jew appell jew ilment kontra deċiżjoni tal-iskriwan ġudizzjarju. Proċedura simili tapplika fil-każ ta' rtirar ta' eżenzjoni mogħtija qabel mill-ispejjeż tal-qorti jew tal-ħatra mill-qorti ta' konsulent legali.

B'kuntrast ma' dan, persuna rrifjutata għajnuna legali bla ħlas ma tistax tikkontesta tali rifjut.

Aktar informazzjoni

- L-Att tat-28 ta' Lulju 2005 dwar l-ispejjeż tal-qorti fi kwistjonijiet ċivili;
- Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tas-17 ta' Novembru 1964;
- L-Att tas-17 ta' Diċembru 2004 dwar id-dritt għal għajnuna legali fi proċedimenti tal-qorti ċivili mwettqa fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt għal għajnuna legali bil-ħsieb tal-ftehim bonarju dwar it-tilwima qabel ma jitressqu l-proċedimenti;
- 2004/844/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi formola ta' talba għal għajnuna legali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex jiġi mtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transfruntier billi jiġu stabbiliti regoli komuni minimi relatati ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn;
- L-Att tal-5 ta' Awwissu 2015 dwar l-għajnuna legali bla ħlas, il-konsulenza ċivili bla ħlas u l-edukazzjoni legali;
- <https://www.gov.pl/web/nieodplatna-pomoc/npp>;
- <https://www.gov.pl/web/sprawiedliwosc/formularze-dotyczace-przyznania-prawa-pomocy-w-postepowaniu-w-sprawach-cywilnych-prowadzonym-w-panstwach-czlonkowskich-unii-europejskiej>
- siti web ta' qrati distrettwali u reġjonali individwali.

17 It-talba għal għajnuna legali għandha l-effett li tissospendi l-perjodu ta' preskrizzjoni?

F'każijiet ta' talbiet għal eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti, il-preżentazzjoni tat-talbiet rilevanti jew appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta l-eżenzjoni ma tissospendix, fil-prinċipju, il-proċedimenti li jkun għaddejjin, sakemm l-applikant ma jkunx kiseb eżenzjoni mill-ispejjeż tal-qorti b'riżultat ta' talba magħmula fid-dikjarazzjoni tal-

pretensjoni jew qabel ma tkun tressqet il-kawża. Fil-każ ta' każda definittiva ta' talba ppreżentata qabel l-iskadenza tat-terminu għall-ħlas tat-tariffa għall-att proċedurali, it-terminu għall-ħlas jibda jiddekorri mill-ġdid mid-data tan-notifika tat-talba għall-ħlas jew, f'ċerti każijiet meta l-parti tkun irrappreżentata minn avukat jew avukat prokuratur, mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal eżenzjoni mill-ispejjeż. Madankollu, kwalunkwe talba ġdida għal eżenzjoni mill-ispejjeż legali bbażata fuq l-istess ċirkostanzi ma tibqax taffettwa t-terminu għall-ħlas tat-tariffa.

F'każijiet ta' talbiet għall-ħatra ta' konsulent legali mill-qorti, il-preżentazzjoni tat-talba rilevanti jew appell kontra deċiżjoni li tirrifjuta dik il-ħatra ma tissospendix, fil-prinċipju, il-proċedimenti li jkunu għaddejnin, sakemm it-talba ma tkunx saret fid-dikjarazzjoni tal-pretensjoni jew qabel ma tkun tressqet il-kawża. Madankollu, il-qorti tista' tissospendi s-smiġħ tal-kawża sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar it-talba. Għaldaqstant, hija ma tistax tiffissa seduta iżda tista' tħassar jew tipposponi seduta skedata.

Meta r-rappreżentanza legali minn avukat jew avukat prokuratur tkun obligatorja għal att proċedurali partikolari (il-preżentazzjoni ta' appell fl-ogħla istanza (*skarga kasacyjna*), talba għal reviżjoni ta' sentenza, ċerti appelli kontra deċiżjonijiet tal-qorti), il-preżentazzjoni ta' talba għall-ħatra ta' konsulent legali mill-qorti qabel l-iskadenza tat-terminu għat-twettiq ta' tali azzjoni twaqqaf it-terminu. Irrispettivament minn jekk it-talba tintlaqax jew tiġix miċħuda, it-terminu jerġa' jibda jiddekorri. Madankollu, kwalunkwe talba ġdida bbażata fuq l-istess ċirkostanzi ma tibqax taffettwa d-dekorrenza tat-terminu.

Informazzjoni ulterjuri

- L-Att tat-28 ta' Lulju 2005 dwar l-ispejjeż tal-qorti fi kwistjonijiet ċivili;
- Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tas-17 ta' Novembru 1964;
- L-Att tas-17 ta' Diċembru 2004 dwar id-dritt għal għajjnuna legali fi proċedimenti tal-qorti ċivili mwettqa fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u dwar id-dritt għal għajjnuna legali bil-ħsieb tal-ftehim bonarju dwar it-tilwima qabel ma jitressqu l-proċedimenti;
- 2004/844/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi formola ta' talba għal għajjnuna legali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex jiġi mtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim transfruntier billi jiġu stabbiliti regoli komuni minimi relatati ma' għajjnuna legali għal tilwimiet bħal dawn;
- L-Att tal-5 ta' Awwissu 2015 dwar l-għajjnuna legali bla ħlas, il-konsulenza ċivili bla ħlas u l-edukazzjoni legali;
- <https://www.gov.pl/web/nieodplatna-pomoc/npp>;
- <https://www.gov.pl/web/sprawiedliwosc/formularze-dotyczace-przyznania-prawa-pomocy-w-postepowaniu-w-sprawach-cywilnych-prowadzonym-w-panstwach-czlonkowskich-unii-europejskiej>
- siti web ta' qrati distrettwali u reġjonali individwali.

L-aħħar aġġornament: 28/04/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.